L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti fuq it-tipi ta' *habitats* ta' l-Anness I (sezzjoni 3.1) u għall-ispeċi ta' flora u l-fawna ta' l-Anness II (sezzjonijiet 3.2.ċ sa 3.2.g).

Fl-aħħar fażi ta' l-indikazzjoni jew klassifikazzjoni tas-sit elenkat skond xi waħda mid-Direttivi għandha tingħata l-informazzjoni ekoloġika kollha meħtieġa biex tippermetti l-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tas-sit għall-effettività u l-koerenza globali tan-*network* Natura 2000.

Għal siti kklassifikati jew li ser ikunu ikklassifikati bħala żoni speċjali ta' protezzjoni (SPA)

— l-informazzjoni kollha rilevanti fuq l-ispeċi ta' l-Anness I (sezzjoni 3.2.a) u speċi migratorji mhux inklużi fl-Anness I (sezzjoni 3.2.b) hija obbligatorja,

— l-informazzjoni dwar il-*habitats* ta' l-Anness I (sezzjoni 3.1) u l-ispeċi tal-fawna u l-flora ta' l-Anness II (Sezzjonijiet 3.2.ċ sa 3.2.g) għandha tingħata wkoll għas-sit kollu jew dik il-parti minnu jekk huwa rikonoxxut ukoll bħala ta' importanza Komunitarja bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew indikata simultanjament bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (SAC),

— l-informazzjoni kollha l-oħra rilevati fuq l-ispeċi tal-fawna u tal-flora hija mixtieqa,

— fil-każ ta' sit ikun klassifikat bħala SPA, u li mhux rikonoxxut kollu jew f'parti bħala ta' importanza Komunitarja skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, imma li ċerta informazzjoni fuq il-*habitats* naturali jew fuq l-ispeċi tal-fawna u tal-flora hija rilevanti għall-konservazzjoni ta' l-ispeċi ta' għasafar li għalihom kienet ikklassifikata l-SPA din l-informazzjoni hija mixtieqa.

Għal siti kklassifikati bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni (SPA)

— l-informazzjoni rilevanti fuq it-tipi ta' *habitats* ta' l-Anness I (sezzjoni 3.1) u għall-ispeċi ta' flora u l-fawna ta' l-Anness II (sezzjonijiet 3.2.ċ sa 3.2.g) hija obbligatorja,

— l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-ispeċi tal-għasafar ta' l-Anness I u l-speċi tal-passa bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE (sezzjonijiet 3.2.a u 3.2.b) għandha tkun ipprovduta għas-sit kollu jew dik il-parti li hija kklassifikata simultanjament jew ser tkun ikklassifikata bħal SPA,

— l-informazzjoni kollha l-oħra rilevanti fuq l-ispeċi tal-fawna (sezzjoni 3.3) u tal-flora hija mixtieqa.

3.1. **Tipi ta' habitat preżenti is-sit u valutazzjoni tas-sit għalihom**

(i) Kodiċijiet u % ta' kopertura ta' habitats

— Anness I tipi ta' habitats: kodiċijiet u l-% ta' kopertura ġewwa s-sit (Appendiċi B)

Niżżel hawn il-kodiċi tat-tipi ta' *habitats* ta' l-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE, kif indikat fl-Appendiċi B. Il-kodiċi b'erba' karattri jsegwi l-preżentazzjoni ġerarkika tat-tipi ta' *habitats* fl-Anness I tad-Direttiva. Il-*habitats* kollha ta' l-Anness I li jkun hemm f'sit speċifiku għandhom jitniżżlu, bil-% tal-kopertura (marbuta mal-kriterji A (b) ta' l-Anness III tad-Direttiva).

Eżempju: 4110/005: 5 % tas-sit huwa kopert bit-tip ta' *habitat* ta' l-Anness I numru 4110.

(ii) Kriterji ta' valutazzjoni tas-sit għal tip partikolari ta' habitat naturali fl-Anness I (skond is-sezzjoni A ta' l-Anness III)

— Rappreżentattività: = A(a) ta' l-Anness III: grad ta' rappreżentattività tat-tip ta' *habitat* fis-sit.

Kriterju A(a) ta' l-Anness III għandu jkun marbut mal-manwal ta' interpretazzjoni tat-tipi ta' *habitat* ta' l-Anness I billi dan il-manwal jipprovdi definizzjoni, lista ta' speċi karatteristiċi u elementi oħra rilevanti. Il-grad ta' rappreżentattività jagħti qies ta'

"kemm hu tipiku" tip ta' *habitat*. Jekk jeħtieġ, din il-valutazzjoni għandha bl-istess mod tqis ir-rappreżentattività tat-tip tal-*habitat* tas-sit partikolari, jew għal grupp ta' tipi ta' *habitat* jew għal kombinazzjoni partikolari ta' tipi differenti ta' *habitats*.

Jekk id-*data* mill-qasam, jiġifieri d-*data* kwantitattiva, għall-paragun ma jeżistux jew jekk il-kejl tal-kriterju mhux fattibbli, jista' jintuża "l-aħjar ġudizzju espert" biex ikun kklassifikat it-tip ta' *habitat*.

Għandha tintuża s-sistema ta' klassifika li ġejja:

A: rappreżentattività eċċellenti,

B: rappreżentattività tajba,

Ċ: rapperżentattività sinifikanti.

Barra dan, il-kazijiet kollha meta tip ta' *habitat* huwa preżenti fis-sit partikolari b'mod mhux sinifikanti għandhom ikunu indikati fir-raba' kategorija:

D: preżenza mhux sinifikanti.

F'kazijiet meta r-rappreżentattività tas-sit għat-tip ta' habitat ikkonċentat hija kklassifikata "D: mhux sinifikanti", l-ebda indikazzjoni oħra m'hi meħtieġa għal kriterji oħra ta' valutazzjoni dwar dan it-tip ta' *habitat* fis-sit partikolari. F'dawn il-każijiet il-kriterji Superfiċi relattiva', "Status ta' konservazzjoni" u "Valutazzjoni Globali" m'għandhom ikunu mmarkati.

— Superfiċi Relattiva: = A(b) ta' l-Annex III: Żona tas-sit kopert bit-tip ta' *habitat* naturali fir-rigward ta' l-arja totali koperta minn dak it-tip ta' *habitat* naturali ġewwa t-territorju nazzjonali.

Teoretikament, għall-valutazzjoni tal-kriterju A(b) hemm bżonn li titkejjel is-superfiċi koperta mit-tip tal-*habitat* fi-sit, u s-superfiċi totali tat-territorju nazzjonali li huwa kopert bl-istess tip ta' *habitat*. Għalhekk dan huwa evidenti, jista' jkun diffiċli ħafna li jsir dan il-kejl, speċjalment dawk li jikkonċernaw is-superfiċi nazzjonali ta' riferenza.

Dan il-kriterju għandu jkun imfisser bħala perċentwal "p". Jekk jeżistu żewġ miżuri jew jistgħu jinkisbu (u għalhekk il-perċentwal jista' jkun ikkalkolat) jew li r-riżultat jiġi minn stima skond l-aħjar ġudizzju (li x'aktarx aktar ikun hekk) għandha ssir valutazzjoni ta' "p" fl-intervalli tal-klassi bl-użu ta' mudell progressiv.

A: 100 = p > 15 %

B: 15 = p > 2 %

Ċ: 2 = p > 0 %

— STATUS TA' KONSERVAZZJONI: = A(ċ) ta' l-Anness III: Grad ta' konservazzjoni ta' l-istruttura u l-funzjonijiet tat-tip naturali tal-*habitat*,

Dan il-kriterju jikkomprendi tliet sub-kriterji:

(i) grad ta' konservazzjoni ta' l-istruttura,

(ii) grad ta' konservazzjoni tal-funzjonijiet,

(iii) possibbilità ta' restawr.

Għalkemm is-sub kriterji ta' hawn fuq għandhom ikunu valutati separatament, għandhom madankollu jkunu kkumbinati għall-ħtiġiet tal-għażla tas-siti proposti fuq il-lista nazzjonali billi għandhom influwenza kumplessa u interdipendenti fuq il-proċess.

(i) Grad ta' konservazzjoni ta' l-istruttura,

Dan is-sub-kriterju għandu jkun marbut mal-manwal ta' interpretazzjoni tat-tipi ta' *habitats* ta' l-Anness I billi dan il-manwal jipprovdi definizzjoni, lista ta' speċi karatteristiċi u elementi oħra rilevanti.

Billi tkun paragunata l-istruttura ta' tip partikolari tal-*habitat* preżenti fis-sit bid-*data* tal-manwal ta' interpretazzjoni (u informazzjoni xjentifika oħra rilevanti), u wkoll bl-istess tip ta' *habitat* f'siti oħra, għandu jkun possibbli li tkun stabbilita sistema ta' klassifika kif ġej, bl-użu ta' "l-aħjar ġudizzju espert"':

I: struttura eċċellenti,

II: struttura konservata sewwa,

III: struttura medja jew parzjalment degradata.

Fil-każijiet meta s-sub-klassi "struttura eċċellenti" tingħata l-kriterju A(ċ) għandh fit-totalità tagħha tkun ikklassifikat bħala' A: "konservazzjoni eċċellenti"', indipendentement mill-klassifikazzjoni taż-żewġ sub-kriterji l-oħra.

F'każijiet meta t-tip ta'*habitat* ikkonċernat fuq is-sit partikolari ma jkollux struttura eċċellenti, tkun għadha tenħtieġ valutazzjoni taż-żewġ sub-kriterji oħra.

(ii) Grad ta' konservazzjoni tal-funzjonijiet

Jista' jkun diffiċli li jkunu definiti u mkejla l-funzjonijiet ta' tip partikolari ta' *habitat* fuq is-sit definit u l-konservazzjoni tagħhom, u biex dan isir indipendentement minn tipi oħra ta' *habitats*.Għal din ir-raġuni huwa utli li jkun parafrażat 'il-konservazzjoni tal-funzjoninjiet' bil-prospetti (kapaċità u probabbilità) tat-tip tal-*habitat* kkonċernat fis-sit partikolari biex tinżamm l-istruttura tiegħu għall-ġejjieni, minħabba fuq naħa l-influwenzi sfavorevoli possibbli u fuq l-oħra l-isforz ta' konservazzjoni raġonevoli kollu possibbli.

I: prospetti eċċellenti

II: prospetti ġodda

III: prospetti medji jew sfavorevoli

F'każijiet meta s-sub-klassi "I: prospetti eċċellenti" jew "II: prospetti tajbin" huma ikkombinati mal-klassifikazzjoni "II: struttura kkonservata tajjeb" ta' l-ewwel sub-kriterju, il-kriterju A(ċ) għandu fit-totalità tiegħu kun ikklassifikat "A: konservazzjoni eċċellenti" jew "B: konservazzjoni tajba rispettivament", indipendentement mill-klassifikazzjoni tat-tielet sub-kriterju li m'għandux ikun ikkunsidrat aktar.

F'każijiet meta s-sub-klassi "III: prospetti medji jew sfavorevoli" hija kkumbinata mal-klassifika "III: struttura medja jew degradata parzjalment" ta' l-ewwel sub-kriterju, il-kriterju A(ċ) kollu kemm hu għandu jkun ikklassifikat bħala "Ċ: konservazzjoni medja jew imnaqqsa", indipendentement mill-klassifikazzjoni tat-tielet sub-kriterju li m'għandux ikun ikkunsidrat aktar.

(iii) Possibbilitajiet ta' restawr

Is-sub-kriterju jintuża għall-valutazzjoni safejn jista' jkun hemm ir-restawr ta' tip ta' *habitat* ikkonċernat fis-sit partikolari.

L-ewwel ħaġa li tkun valutata hija l-fattibbilità tagħha mil-lat xjentifiku: l-istat kurrenti ta' għarfien jipprovdi risposta għall-mistoqsijiet "x'għandu jsir u kif għandu jsir"? Dan jimplika l-għarfien ħiħ ta' l-istruttura u l-funzjonijiet tat-tip ta' *habitat* u tal-pjanijiet ta' ġestjoni konkreti u l-preskrizzjonijiet meħtieġa għar-restawr tiegħu, jiġifieri, għall-istabbilizzazzjoni jew żieda tal-perċentwal taż-żona koperta mit-tip ta' *habitat*, biex ikunu ristabbiliti l-istruttura u l-funzjonijiet speċifiċi meħtieġa għall-manutenzjoni tiegħu fit-tul u għall-manutenzjoni jew restawr ta' status favorevoli ta' konservazzjoni għall-ispeċi tipiċi tiegħu.

It-tieni mistoqsija li tista' tistaqsa hija jekk hux siewja mill-profil ta' l-ispejjeż mil-lat tal-konservazzjoni tan-natura?'. Din il-valutazzjoni għandha tqis il-grad tat-theddida u r-rarità tat-tip tal-*habitat*.

Is-sistema ta' klassifika għandha tkun li ġej, bl-użu ta' "l-aħjar ġudizzju espert"':

I: restawr faċli,

II: restawr possibbli bi sforz medju,

III: restawr diffiċli jew impossibbli.

Sintesi: applikazzjoni tal-klassifika globali tat-tliet sub-kriterji

A: konservazzjoni eċċellenti

= konservazzjoni eċċellenti, indipendentement mill-klassifika taż-żewġ sub-kriterji l-oħra,

= struttura konservata tajjeb u propetti eċċellenti indipendentement mill-klassifika tat-tielet kriterju.

B: konservazzjoni tajba

= struttura konservata tajjeb u prospetti tajbin indipendentement mill-klassifika tat-tielet sub-kriterju.

= struttura konservata tajjeb u prospetti medji/forsi sfavorevoli u restawr faċli jew possibbli **bi sforz medju,**

= struttura medja/parzjalment degradata, prospetti eċċellenti u restawr faċli jew possibbli bi sforz medju.

= struttura medja/parzjalment degradata, prospetti tajbin u restawr faċli.

Ċ: konservazzjoni medja jew mnaqqsa

= kombinazzjonijiet l-oħra kollha.

— VALUTAZZJONI GLOBALI = A(d) ta' l-Anness III: Valutazzjoni globali tal-valur tas-sit għall-konservazzjoni tat-tip ta' *habitat* naturali ikkonċernat.

Dan il-kriterju għandu jintuża biex ikunu vvalutati l-kriterji ta' qabel b'mod integrat u jitqiesu d-diversi piżijiet li jista' jkollhom għall-*habitat* ikkunsidrat. Aspetti oħra jistgħu jkunu kkunsidrati dwar il-valutazzjoni ta' l-elementi l-aktar rilevanti biex tkun valutata l-influwenza posittiva jew negattiva tagħhom fuq il-konservazzjoni tat-tip ta' *habitat*. L-"aktar elementi rilevanti" jistgħu jvarjaw minn tip ta' *habitat* għal tip ta' *habitat*; jistgħu jinkludu l-attivitajiet tal-bniedem, kemm fis-sit jew fiż-żoni ġirien, li x'aktarx jinfluwenzaw l-istatus ta' konservazzjoni tat-tip ta' *habitat*, il-propjetà ta' l-art, l-istatus legali eżistenti tas-sit, ir-relazzjonijiet ekoloġiċi bejn it-tipi differenti ta' *habitats* u ta' speċi, eċċ.

L-"aħjar ġudizzju espert" jista' jintuża biex ikun valutat dan il-valur globali, u s-sistema ta' klassifika użata biex tfissirha għandha tkun kif ġej:

A: valur eċċellenti,

B: valur tajjeb,

Ċ: valur sinifianti.

3.2. **Speċi msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/409/KEE u speċi elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE u valutazzjoni tas-sit għalihom.**

(i) Kodiċi, isem u data tal-popolazzjoni fuq l-ispeċi

Għal siti kif xieraq niżżel l-isem xjentifiku ta' l-ispeċi kollha tal-għasafar rilevanti għall-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, u ta' l-ispeċi kollha tal-fawna u tal-flora elenkati fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE li jiġru fis-sit b'indikazzjoni tal-popolazzjoni tagħhom ġewwa s-sit (ara isfel). Kull speċi rilevanti għandha tkun indikata wkoll b'kodiċi b'erba' karattri sekwenzali meħuda mill-Appendiċi Ċ, inkluż l-ispeċi tal-għasafar tal-passa, marbuta ma' l-Artikolu 4 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE.

Billi numru ta' speċi tal-fawna, partikolarment ħafna speċi tal-għasafar, huma tal-passa s-sit jista' jkun importanti għal aspetti differenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-ispeċi. Dawn huma kategorizzati hawn isfel:

— Residenti: li jinstabu matul is-sena OH is-sit,

— Trobbija/riproduzzjoni: sit użat biex ibejjet u jrabbi l-frieħ

— Waqfiet: sit użat fil-passa jew għat-tneħħija tar-rix 'il barra miż-żona tat-trobbija,

— Mogħdija tax-xitwa: sit użat matul ix-xitwa.

Meta popolazzjoni mhux residenti tinstab f'sit f'aktar minn staġun wieħed għandhom jitniżżlu d-dettalji fl-oqsma xierqa.

Fir-rigward ta' l-abbundanza, niżżel dejjem id-*data* eżatta tal-popolazzjoni meta jkunu magħrufin. Meta numru eżatt ma jkunx magħruf agħti l-medda tal-popolazzjoni li taqa' fiha (1-5, 6-10, 11-50, 51-100, 101-250, 251-500, 501-1 000, 1 001-10 000, > 10 000). Meta medda ta' popolazzjoni mhux magħrufa imma teżisti informazzjoni fuq id-daqs minimu u massimu tal-popolazzjoni, indika l-abbundanza bi (akbar minn). Indika b'suffiss jekk il-valur tal-popolazzjoni hija pari (p) jew individwi (i). Għal xi speċi b'sistemi ta' trobbija speċjalizzati, jista' jsir l-għadd ta' l-irġiel u n-nisa separatament: dawn għandhom ikollhom is-suffiss (r) jew (n) rispettivament. Partikolarment għall-mammiferi, l-anfibji/rettili u l-ħut l-ebda informazzjoni numerika ma tista' tkun disponibbli. F'dan il-każ innota d-daqs/densità tal-popolazzjoni billi tindika jekk l-ispeċi hiex komuni (Ċ), rari (R) jew rari ħafna (V). Fin-nuqqas ta' kull *data* tal-popolazzjoni indikha bħala preżenti (P).

Għall-invertebrati u pjanti fi ftit każijiet speċjali meta l-ambundanza ta' l-ispeċi mhux magħrufa għas-sit, agħti l-istima tal-popolazzjoni jew il-medda tal-popolazzjoni mogħtija fuq. Inkella indika jekk l-ispeċi hux komuni (K), rari (R), jew rari ħafna (Ħ). Fin-nuqqas ta' kull *data* tal-popolazzjoni indikha bħala preżenti (P).

Jekk, fin-nuqqas ta' kull data tal-popolazzjoni sit ikun għadu magħruf għall-importanza Komunitarja għal speċi, iddeskrivi l-karattru tal-popolazzjoni fil-qasam tat-test tad-deskrizzjoni tas-sit "Kwalità" fejn tintwera n-natura tal-popolazzjoni (eż. densa, mxerda jew iżolata).

Il-gruppi ta' l-ispeċi li ġejjin huma reġistrati separatament: għasafar, mammiferi, anfibji u rettili, ħut, invertebrati u pjanti.

(ii) *Kriterji ta' valutazzjoni tas-sit għal tip partikolari ta' speċi fl-Anness II (skond is-Sezzjoni B ta' l-Anness III)*

— POPOLAZZJONI: = B(a) ta' l-Anness III: Daqs u densità tal-popolazzjoni ta' l-ispeċi preżenti fis-sit fir-rigward tal-popolazjzonijiet preżenti ġewwa t-territorju nazzjonali

Dan il-kriterju jeżisti biex jivvaluta id-daqs relattiv jew densità tal-popolazzjoni fis-sit ma' dak tal-popolazzjoni nazzjonali.

Dan l-aħħar aspett huwa ġeneralment x'aktarx diffiċli li jkun valutat. Il-miżura ottimali jkun perċentwal, li jirriżulta mir-rapport tal-popolazzjoni fis-sit/popolazzjoni fit-territorju nazzjonali. Kif propost fil-kriterju A (b) stima ta' intervall ta' klassi għandu jintuża skond il-mudell progressiv li ġej:

A: 100 % = p ≥ 15 %,

B: 15 % = p ≥ 2 %,

Ċ: 2 % = p ≥ 0 %.

Barra dan, il-kazijiet kollha meta tip ta' speċi kkonċernat huwa preżenti fis-sit partikolari b'mod mhux sinifikanti għandhom ikunu indikati fir-raba' kategorija:

D: popolazzjoni mhux sinifikanti.

F'kazijiet meta r-rappreżentattività tas-sit għall-popolazzjoni ikkonċenrat hija kklassifikata "D:" mhux sinifikanti', l-ebda indikazzjoni oħra m'hi meħtieġa għal kriterji oħra ta' valutazzjoni dwar dan it-tip ta' *habitat* fis-sit partikolari. F'dawn il-każijiet il-kriterji "Konservazzjoni", Iżolament' u "Valutazzjoni Globali" m'għandhom ikunu mmarkati.

— KONSERVAZZJONI: = B(b) ta' l-Annex III: Grad ta' konservazzjoni tal-karatteristiċi tal-*habitat* li huma importanti għall-ispeċi kkonċernati u l-possibblilitajiet għar-restawr

Dan il-kriterju jikkomprendi żewġ sub-kriterji:

(i) grad ta' konservazzjoni tal-karatteristiċi tal-*habitat* importati għall-ispeċi;

(iii) possibbilitajiet ta' restawr.

(i) grad ta' konservazzjoni tal-karatteristiċi tal-*habitat* importati għall-ispeċi;

Il-kriterju (i) jeħtieġ valutazzjoni globali tal-karatteristiċi tal-habitat dwar il-ħtiġiet bijoloġiċi ta' speċi partikolari. Il-karatterisitiċi dwar id-dinamika tal-popolazzjoni huma fost l-aktar xierqa kemm għall-ispeċi annimali u tal-pjanti. Għandhom ikunu vvalutati l-istruttura tal-*habitat* u xi karatterisitiċi abijotiċi.

L-"aħjar ġudizzju espert' għandu jintuża biex ikun ikklassifikat dan il-kriterju:"

I. elementi f'kondizzjoni eċċellenti,

II. elementi konservati tajjeb,

III. elementi f'kondizzjoni medja jew parzjalment degradata,

F'każijiet meta s-sub-klassi "I: elementi f'kondizjoni eċċellenti" jew "II: elementi konservati tajjeb" mogħti fil-kriterju B(b) għandhom fit-totalità tagħhom ikunu kklassifikati "A: konservazzjoni eċċellenti" jew "B: konservazzjoni tajba" rispettivament. Indipendenti mill-klassifika tas-sub-kriterju l-ieħor.

(iii) Possibbilitajiet ta' restawr.

Għal dan is-subkriterju, li għandu jitqies biss meta l-elementi huma f'kondizzjoni medja jew parzjalment degradata, għandu jintuża approċċ analogu għal dak tal-kriterju A (ċ) (iii), biż-żieda ta' valutazzjoni tal-vijabbilità tal-popolazzjoni li qed titqies. Dan għandu jirriżulta f'sistema ta' klassifikazzjoni kif ġej:

I: restawr faċli,

II: restawr possibbli bi sforz medju,

III: restawr diffiċli jew impossibbli.

Sintesi applikabbli għall-klassifikazzjoni taż-żewġ sub-kriterji

A. konservazzjoni eċċellenti

= elementi f'kondizzjoni eċċellenti, indipendenti mill-klassifika tal-possibbilità tar-restawr,

B: konservazzjoni tajba

= elementi f'kondizzjoni eċċellenti, indipendenti mill-klassifika tal-possibbilità tar-restawr,

= elementi f'kondizzjoni medja jew parzjalment degradata u faċli li jkun restawrat,

Ċ: konservazzjoni medja jew mnaqqsa

= kombinazzjonijiet l-oħra kollha.

— IŻOLAMENT: = B(ċ) ta' l-Anness III: Grad ta' iżolament tal-popolazjzoni preżenti fis-sit f'relazzjoni mal-medda naturali ta' l-ispeċi.

Dan il-kriterju jista' jkun interpretat bħala miżura xierqa tal-kontribuzzjoni ta' popolazzjoni partikolari għad-diversità ġenertika ta' l-ispeċi fuq naħa u l-fraġilità ta' din il-popolazzjoni speċifika fuq l-oħra. Bl-użu ta' approċċ sempliċistiku wieħed jista' jgħid li aktar ma popolazzjoni tkun iżolata (fir-rigward tal-medda naturali tagħha), akbar tkun il-kontribuzzjoni tagħha għad-diversità ġenetika ta' l-ispeċi. Konsegwentement il-kelma "iżolament" għandha tkun ikkunsidrata f'kuntest usa', u tapplika kemm għall-endemiċi strettament, għas-sub-speċi/varjetajiet/razzez kif ukoll is-sub-popolazzjoni ta' meta-popolazzjoni. F'dan il-kuntest għandha tintuża l-klassifika li ġejja:

A: popolazzjoni (kważi) iżolata,

B: popolazzjoni mhux iżolata, imma fuq marġini ta' żona ta' distribuzzjoni,

Ċ: popolazzjoni mhux iżolata ġewwa medda ta' distribuzzjoni estiża.

— GLOBALI = B(d) ta' l-Anness III: Valutazzjoni globali tal-valur tas-sit għall-konservazzjoni ta' l-ispeċi ikkonċernati.

il-kriterju jirrifieri għall-valutazzjoni globali tal-valur tas-sit għall-konservazzjoni ta' l-ispeċi ikkonċernata. Jista' jintuża biex jirrikapitula l-kriterji ta' qabel kif ukoll għall-valutazzjoni ta' karatterisitiċi oħra tas-sit maħsuba li huma rilevanti għall-ispeċi partkolari. Dawn il-karatterisitiċi jistgħu jvarjaw minn speċi għall-oħra u jistgħu jinkludu attivitajiet tal-bniedem fis-sit jew fiż-żoni fil-qrib li jistgħu jinfluwenzaw l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi, ġestjoni ta' l-art, il-protezzjoni statutorja tas-sit, ir-relazzjonijiet ekoloġiċi bejn it-tip differenti tal-*habitats* u l-speċi, eċċ.

"L-aħjar ġudizzju espert" jista' jintuża għal din il-valutazzjoni globali, bl-użu tas-sistema tal-klassifika li ġejja:

A: valur eċċellenti,

B: valur tajjeb,

Ċ: valur sinifikanti.

3.3. **Speċi oħrajn (tingħata meta rilevanti)**

L-ispeċi kollha l-oħra importanti tal-flora u l-fawna jistgħu jitniżżlu sussegwentement, fejn huma rilevanti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sit, skond il-proċedura li ġejja:

— Agħmel sinjal tal-grupp ta' l-ispeċi xierqa,

— Agħti l-isem xjentifiku ta' l-ispeċi

— Agħti *data* regolari fuq il-popolazzjoni massima għall-ispeċi meta possibbli. Meta d-*data* kwantitattiva ma jeżistux indika l-abbundanza semi-kwantitattiva jew kwalitattiva bl-użu tan-notazzjoni li tidher fis-Sezzjoni 3.2.i..

— Jekk jogħġbok indika l-motivazzjoni għall-elenku ta' kull speċi il-kategoriji li ġejjin:

— A. Lista tad-*data* Nazzjonali,

— B. Endemiċi,

— Ċ. Konvenzjonijiet Internazzjonali (inkluż Berna, Bonn u Bijodiversità),

— D. Raġunijiet oħrajn.

Aktar dettalji fuq il-motivazzjonijiet għall-elenku ta' speċi individwali, speċjalment rigward D, jistgħu jingħataw fis-Sezzjoni 4.2 li huwa l-qasam ta' test-liberu biex ikunu deskritti l-kwalità u l-importanza tas-sit).

Il-kodiċijiet ta' l-Appendiċi III m'humiex użati hawn, u lanqas m'hemm xi valutazzjoni tas-sit għall-ispeċi.

4. **DESKRIZZJONI TAS-SIT**

Din is-sezzjoni hija prinċipalment għad-deskrizzjoni b'test-liberu ta' karatteristiċi ta' siti ewlenin li għandha żewġ skopijiet:

— biex tippermetti informazzjoni ewlenija biex tkun reġistrata li hija rappreżentata b'mod mhux adegwat fil-lista tal-kodiċi,

— biex tipprovdi deskrizzjoni konċiża u strutturali tas-sit meta d-dettalji qed jintwerew.

4.1. **Karattru ġenerali tas-sit (obbligatorju):**

Dan il-qasam għandu jagħti "stampa" globali tas-sit. Agħti fil-qosor il-karatterisitiċi ġenerali tas-sit billi tibda b'indikazzjoni tad-diviżjoni tas-sit f'klassijiet wiesgħa tal-*habitat* bl-użu ta' l-aktar ġudizzju espert biex isir stima tal-perċentwal tal-kopertura (dawn il-klassijiet tal-*habitat* huma pre-formulati fil-qasam korrispondenti). Il-kopertura tal-klassijiet tal-*habitat* għandhom ikunu 100 % u jikkorrespondu għas-superfiċi totali tas-sit.

Il-karatterisitiċi ewlenin ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi u tal-paesaġġ ta' importanza għandhom ikunu deskritti hawnhekk. Meta rilevanti indika it-tipi dominanti ta' veġetazzjoni. Semmi wkoll *habitats* oħra mhux ta' l-Anness I importanti għall-konservazzjoni tas-sit. Meta aktar taqsim dettaljat ta' l-informazzjoni fuq il-klassijiet ta' *habitat* huwa importanti għall-konservazzjoni tas-sit (eż. kemm dehesas jew dwieli) dan għandu jitniżżel fis-sezzjoni tat-test liberu msejjaħ karatterisitiċi oħra tas-sit. Informazzjoni fuq żoni żgħar lineari u tip ta' mużajk msiġġra (arbuxxelli, *bocage*, linja tas-siġar) għandha tingħata wkoll skond dan it-test ġenerali.

4.2. **Kwalità u importanza (obbligatorju):**

Niżżel l-indikazzjoni globali tal-kwalità u l-importanza tas-sit minħabba l-oġġettivi ta' konservazzjoni tad-direttivi.

Għal meded ta' art mgħaddra internazzjonalment importanti li regolarment żżomm 20 000 tajra ta' l-ilma dan il-fatt għandu jitniżżel hawnhekk.

Meta speċi hija elenkata fis-Sezzjoni 3.3 bil-motivazzjoni D, uri l-bażi għall-inklużjoni tagħha.

4.3. **Vulnerabbilità (obbligatorju)**

Indika n-natura u kemm qed ikun hemm pressjoni fuq is-sit mill-bniedem u influenzi oħra u l-fraġilità tal-*habitats* u l-ekosistemi li jinstabu hemm. Dan il-qasam għandu jinkludi deskrizzjoni ta' l-elementi importanti mhux koperti b'mod adegwat mid-*data* kodifikata li tinsab fis-sezzjoni 6.1.

4.4. **Indikazzjoni tas-sit (tingħata meta rilevanti)**

Niżżel bħala test liberu kull aspett ta' l-indikazzjoni tas-sit li mhux kopert adegwatament bil-kodiċijiet użati fil-kodiċijiet ta' l-oqsma ta' l-indikazzjoni tas-sit (ara s-Sezzjoni 5).

4.5. **Propjetà (tingħata meta rilevanti)**

Niżżel deskrizzjoni ġenerali tal-propjetà tas-sit (eż. "privat"; "stat", "konservazzjoni NGO"). Jekk possibbli inkludi stima tal-proporzjon ta' l-arja tas-sit f'kull klassi ta' propjetà.

4.6. **Dokumentazzjoni (tingħata meta rilevanti)**

Jekk disponibbli, għal kull si issir riferenza għall-pubblikazzjonijiet rilevanti u/jew *data* xjentifika dwar is-sit. Tniżżil ta' l-informazzjoni għandu jsir skond il-konvenzjoni standard għar-riferenzi xjentifiċi. Mhux ippubblikati jew kommunikazzjonijiet, li jirriferu għall-informazzjoni mogħtija fil-forma reġistrata, għandhom jitniżżlu meta utli.

4.7. **Storja (m'għandhiex titniżżel)**

Dan il-qasam jintuża mis-servizz kompetenti tal-Kummssjoni għaż-żamma ta' reġistru ta' l-istadji li fihom żviluppa r-rekord tas-sit kurrenti. Eżempji ta' informazzjoni li għandha tkun reġistrata jinkludu:

— notifika inizjali,

— korrezzjoni ta' żbalji,

— bdil li jirriżulta min tibdil fiżiku attwali fis-sit.

F'kull każ, il-qasam ta' l-istorja jikkomprendi tliet sub-oqsma li huma:

— id-data tal-bidla,

— isem tal-qasam li qed jinbidel,

— deskrizzjoni li turi l-bidliet li saru,

5. PROTEZZJONI TAS-SIT U RELAZZJONI MAS-SITI TAL-BIOTOPI KORINI

Fir-rigward tar-relazzjonijiet reġistrati indikati f'5.1 u 5.2 isfel, mappa li turi b'mod ċar il-konfini ta' dawn is-siti relatati għandhom ikunu kkonsenjati (ara s-Sessjoni 7 tan-noti spejgattivi għall-aktar kjarifika fuq dan)

5.1. Status tal-protezzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali (Appendiċi D) (obbligatorju)

Għal kull Stat Membru, l-Appendiċi D għandha lista sekwenzali tat-tipi rilevanti ta' l-indikazzjoni tal-konservazzjoni tan-natura li għandhom protezzjoni statutorja bid-definizzjoni tagħhom mil-livell nazzjonali/reġjonali. Tliet listi ta' tipi ta' protezzjoni jkopru dawn it-tliet kategoriji li ġejjin:

A. Tipi ta' indikazzjoni użati bl-intenzjoni li tkun protetta l-fawna, il-flora, il-*habitats* u l-paesaġġi (ta' l-aħħar sakemm huma rilevanti għall-fawna, il-flora u għall-protezzjoni tal-*habitat*);

B. Statuti skond atti leġislattivi u amministrattivi settorjali, partikolarment tas-selvikultura li jipprovdu protezzjoni adegwata rilevanti għall-konservazzjoni fawna, il-flora u l-*habitat;*

Ċ. Statut privat li jipprovdi protezzjoni durevoli għall-fawna, il-flora jew l-*habitats*.

Tipi ta' protezzjoni huma kklassifikati bis-severità tal-protezzjoni bil-bidu ta' l-istatuti l-aktar iebsin.

Meta m'hemmx status ta' protezzjoni għas-sit huwa importanti li dan ikun indikat bl-użu ta' kodiċi nazzjonali li jikkorrespondi għall-"istatus l-ebda protezzjoni"

Għal kull sit il-kodiċijiet tat-tipi ta' indikazzjoni xierqa għandhom jitniżżlu, flimkien mal-% tal-kopertura ġewwa s-sit għal kull tip ta' indikazzjoni. L-informazzjoni maħżuna f'dan il-qasam hija fuq il-livell tat-tipi differenti ta' indikazzjoni. Jekk huma inklużi diversi riservi naturali ta' l-istess tip fis-sit reġistrat, għandu jiddaħħal il-perċentwal taż-żona totali koperta b'dawn ir-riservi.

Ir-relazzjoni ta' żoni indikati individwalment mas-sit tkun reġistrata separatament (ara 5.2).

5.2. Siti li għandhom relazzjoni ma' dan is-sit (siti ġirien u siti li huma ta' tipi differenti ta' indikazzjoni) (tingħata meta rilevanti)

Din il-parti tal-formula ta' reġistrazzjoni tippermetti siti ġirien jew siti li jappartjeni lil tipi differenti ta' indikazzjoni li jissovvraponu jew huma ħdejn xulxin li jkunu indikati. L-interrelazzjoni bejn it-tipi differenti hija stabbilita wkoll b'riferiment għalihom. Ir-responsabbilitajiet kollha possibbli huma kkodifikati bl-użu ta' waħda milli ġej:

— it-tipi huma koinċidenti (uża kodiċi =),

— is-sit deskritt jinkludi sit ieħor kompletament (uża kodiċi +),

— is-sit l-ieħor jinkludi s-sit deskritt kompletament (uża kodiċi -),

— żewġ siti jissovvraponu parzjalment (uża l-kodiċi *).

Barra li jitniżżlu dawn il-kodiċijiet, għandu jitniżżel il-perċentwal tas-sit deskritt li jissovvraponi mas-sit l-ieħor.

— Is-siti ġirien huma indikati b'"/'."

Barra dan, il-forma tipprovdi għat-tipi possibbli ta' indikazzjoni fuq il-livell internazzjonali (eż.. Ramsar, bijoġenetika, diploma Ewropea, Barċelona, bijosfera, Wirt Dinji) u l-ewwel xi oqsma tat-test miftuħa fejn indikazzjonijiet nazzjonali bl-isem tas-sit jistgħu jissemmew flimkien mat-tip għar-relazzjoni perċentwal ta' sovvraponiment b'riferenza għas-sit deskritt. Dan jippermetti riferiment mad-*database* taż-żoni indikati.

5.3. Relazzjoni mas-siti biotopi Corine (tingħata meta rilevanti)

Għas-siti kollha deskritti li jissovvraponu mas-siti biotopi Corine, irreġistra il-kodiċi tas-sit Corine, it-tip ta' sovvraponiment (bl-użu ta' notazzjoni bħal f'5.2.) u l-perċentwal tas-sit deskritt li jissovvraponi s-si Corine.

6. INFORMAZZJONI FUQ L-IMPATTI U ATTIVITAJIET ĠEWWA U MADWAR IS-SIT

6.1. Impatti ġenerali u proporzjon tal-wiċċ tas-sit affettwat (l-Appendiċi E) (jingħata meta rilevanti)

L-impatti jirrelataw għall-attivitajiet kollha tal-bniedem u l-proċess naturali li jista' jkollu influwenza, jew posittiva jew negattiva, fuq il-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sit (elenkat fl-Appendiċi E). Konsiderazzjoni ta' l-impatti u l-attivitajiet ġewwa s-sit:

— niżżel il-kodiċijiet xierqa mill-Appendiċi E,

— indika l-intensità ta' l-influwenza tagħhom fuq is-sit bl-użi tal-kategoriji li ġejjin:

  — A:influwenza għolja

  — B:influwenza medja

  — Ċ:influwenza baxxa

— agħti l-perċentwal tal-wiċċ tas-sit affettwat minnhom,

— indika jekk l-influwenza tagħhom hijiex posittiva (+), newtrali (0) jew negattiva (-).

Kif ukoll iddeskrivi l-impatti u l-attivitajiet fl-inħawi tas-sit. L-inħawi huma ż-żona fejn ta' barra jimpinġi u l-attivitajiet jistgħu jaffettwaw l-integrità tas-sit. Jiddependi fost affarijiet oħra fuq t-topografija lokali, in-natura tas-sit u fuq it-tip ta' l-attivitajiet tal-bniedem.

Jekk hemm impatti jew attivitajiet relavanti li m'humiex inklużi f'din il-lista, indikhom fil-qasam ħieles mit-test "vulnerabbilità" fis-Sezzjoni 4.3.

6.2. Ġestjoni tas-sit

Korp risponsabbli għall-ġestjoni tas-sit (jingħata meta rilevanti)

Niżżel ir-riferenza sħiħa inkluż l-isem, l-indirizz u t-telefon/faks ta' l-awtorità u/jew l-individwu responsabbli għall-ġestjoni tas-sit.

Informazzjoni fuq il-pjanijiet tal-ġestjoni tas-sit u l-prattika, inkluż attivitajiet tradizzjonali tal-bniedem (tingħata meta rilevanti)

Sunt konċiż tal-pjanijiet ta' ġestjoni magħmula jew li qed ikunu ppreparati, b'aġenda ta' azzjonijiet. Dawn għandhom jikkunsidraw it-theddid għas-sit deskritt minn attivitajiet tal-bniedem f'assoċjazzjoni mal-qasam tal-vulnerabbilità (4.3.).

Kif indikat diġà fl-introduzzjoni, l-informazzjoni ta' dan it-tip tista' f'ħafna każijiet tkun konsiderazzjoni importanti proposta skond LIFE jew strumenti finanzjarji oħra. Jekk jogħġbok semmi kull pjan ippubblikat.

7. MAPPA TAS-SIT (obbligatorju)

Bl-ittraċċar tal-konfini tas-sit, l-informazzjoni fuq is-sit tista' tkun riferita aktar preċiżament fl-ispażju. Meta d-*data* diġitalizzata jistgħu jkunu esplorati fil-kuntest ta' ambjent usa', permezz ta' sovvraponiment diġitali ma' saffi oħra tad-*data* (eż. riżultati mill-proġett tal-Kopertura ta' l-Art, il-ħamrija, il-kwalità ta' l-ilma jew *data* ta' l-ippjanar fiżiku). Dan jippermetti li d-*data* li għandhom jintuża f'varjetà ta' applikazzjonijiet li jeħtieġu informazzjoni eżatta dwar relazzjonijiet spazjali. Per eżempju, id-*data* isiru aktar utli bħala għajnuna għall-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali.

Is-siti kollha għandhom jitħażżu fuq mapep ta' l-istess dettal u kwalità bħala l-mapep topografiċi uffiċjalment ippubblikati u li jħarsu l-istandards kollha ta' l-istitut kompetenti topografiċi bi skala ta' 1:100 000 jew l-eqreb skala possibbli, bi ħxuna tal-linja anqas minn 0,4 mm. L-użu ta' din l-iskala fejn diversi siti fil-viċin issibhom fl-istess mappa għandhom jintużaw għas-siti kollha.

Jekk il-konfini tas-sit huma disponibbli wkoll minn sistema ġeografika ta' informazzjoni, b'referenza għas-serje ta' mapep użata għad-diġitazzjoni, l-iskala, il-projezzjoni u l-parametri tal-mappa, dawn id-*data* diġitali għandhom ikun aċċessibbli u l-informazzjoni relatata magħha tkun inkluża fil-formola.

Iż-żoni jikkorrespondu għall-kategoriji ewlenin ta' l-indikazzjoni li għandhom l-ogħla grad ta' konservazzjoni għandhom jitħażżu fuq it-tieni mappa bl-istess karatteristiċi bħala l-ewwel mappa.

Barra dan, jekk disponibbli, ritratt mill-ajru tas-sit huwa kkonsidrat li huwa utli ħafna biex "tiftiehem" in-natura tas-sit.

8. *SLIDES* U MATERJAL IEĦOR FOTOGRAFIKU (jingħataw meta jkun rilevanti)

Lista ta' *slides* u materjal ieħor fotografiku, mibgħuta flimkien mal-formula, b'rferenza għas-suġġett, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni. Għalkemm fakoltattiv, huwa utli ħafna li jkun hemm materjal fotografiku biex "tiftiehem" il-forma ġenerali tas-sit ikkonċernat, speċjalment meta l-problemi jew l-ilmenti jinqalgħu għal sit partikolari. Barra dan, dawn l-*islides* jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni għall-informazzjoni jew skopijiet edukattivi dwar in-*network* Natura 2000.

In-numru ta' l-*islide* indikata fil-formola għandu jingħata wkoll fuq kopja ta' l-*islide*. Fir-rigward ta' l-*islides* u r-ritratti għandhom ikunu provduti l-awtur u l-*copyright*.

NETWORK NATURA 2000

APPENDIĊJIET GĦALL-FORMULA TA' REĠISTRAZZJONI

Appendiċi A

Lista tar-reġjuni kollha fl-Unjoni Ewropea kif definiti mill-Eurostat fis-sistema kodiċi NUTS

Reġjuni

Nomenklatura ta' l-unità territorjali għall-istatistiki

NUTS

Marzu 1995

Tema
Statistiki ġenerali
Serje
Metodi

1
E

DOKUMENT STATISTIKU

WERREJ

Nru tal-paġna

Introduzzjoni 204

Korrispondenza bejn il-livell NUTS 207

Superfiċi tar-reġjuni 208

Popolazzjoni tar-reġjuni 208

	Lista ta' l-ismijiet u kodiċijiet	**Maps Mapep**
Livell 0 EUR15 NUTS	–	209
Livell 1 EUR15 NUTS	–	210
Belgique/België	211	212
Danmark	214	215
Deutschland	216	226
Ellada	231	233
Espanã	235	237
France	239	242
Ireland	244	245
Italia	246	249
Luxembourg	251	212
Nederland	252	253
Osterreich	255	256
Portugal	258	259
Suomi/Finland	261	262
Sverige	264	265
United Kingdom	267	269

Anness 271

INTRODUZZJONI

In-Nomenklatura għall-Unitajiet Territorjali għall-Istatistiki (NUTS) kienet stabbilita kienet stabbilita mill-Eurostat, biex tipprovdi taqsim uniformi waħdieni ta' unitajiet territorjali għall-produzzjoni ta' statistiki reġjonali għall-Unjoni Ewropea.

Għalkemm in-NUTS m'għandhiex valur legali *per se*, ilha tintuża mill-1988 fil-leġislazzjoni tal-Komunità (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 fuq il-ħidmiet tal-Fondi Strutturali: Ġ.U. L 185 tal-15 ta' Lulju 1988).

Flimkien ma' l-introduzzjoni tat-tliet Stati Membri ġodda ta' l-Unjoni (l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja), din il-verżjoni tinkludi l-bidliet amministrattivi li seħħew mill-aħħar pubblikazzjoni tan-NUTS f'Marzu 1992:

— bidla kompleta fil-livell 3 fil-każ tal-"Lander" ta' l-ex Ġermanja tal-Lvant;

— il-ħolqien tal-għaxar "provinċja" fil-Belġju. Brabant inqasam fi Brabant Wallon u Vlaams Brabant u Brussel kien separat mill-provinċja ta' Brabant. Dan jagħmilha finalment possibbli li tinkiseb struttura kompletament ġerarkika għan-nomenklatura Belġjana;

— L-Irlanda tinbidel minn disa' "reġjuni ta' l-ippjanar" għal tmien "reġjuni ta' awtorità reġjonali". It-tliet "reġjuni ta' l-ippjanar" Nort East, Donegal u North West ingħaqdu f'reġjun wieħed: Konfini. Ir-"reġjun ta' l-ippjanar" East huwa maqsum f'Dublin u Mid-East;

— fl-Italja, sitt "provincie" nqasmu fi tnejn:

Vercelli, Novarra, Como, Milano, Forli u Firenze. Il-"provincie" Catanaro nqasmu fi tlieta.

Barra dan, saru ċertu numru ta' modifiki lill-kodiċi. L-istruttura tiegħu ma nbiddlitx, imma l-ewwel żewġ karattri, qabel Ri, R2,… inbidlu bil-kodiċi ISO Alfa 2. Is-sistema ta' kodifikazzjoni kienet riorganizzata b'mod biex ikun żgurat li, meta l-kodiċijiet jintgħażlu f'ordni numeriku axxendenti, l-elementi differenti tan-nomenklatura huma ppreżentati b'ordni meħtieġ mill-Istati Membri.

Il-mapep f'dan id-dokument huma sempliċiment maħsuba biex jippermettu lill-qarrej li jsib ir-reġjuni; il-konfini reġjonali murija huma wkoll purament indikattivi. L-iskala użata tista' tkun differenti jiddipendi fuq il-pajjiż.

Billi diversi reġjuni għandhom l-istess isem, saret distinzjoni biż-żieda, lil kull wieħed minnhom, l-abbrevjazzjoni għall-pajjiż.

Xi reġjuni NUTS jidhru f'diversi livelli (eżempju:

Il-Lussemburgu jidher bħala l-pajjiż fil-livelli 1,2 u 3). F'dan il-każ huwa assenjat biss kodiċi wieħed. Għall-għażla eħfef tar-reġjuni fil-livell speċifiku, l-ismijiet tagħhom huma ripetuti fil-kolonni li jikkorrespondu għal-livell li lihom jappartjentu. L-Anness I għandu lista ta' dawn ir-reġjuni.

PRINĊIPJI BAŻIĊI

In-nomenklatura NUTS inħolqot u żviluppat skond il-prinċipji li ġejjin:

a. In-NUTS tiffavorixxi tqassim istituzzjonali.

Jista' jintużaw kriterji differenti fis-suddiviżjoni tat-territorji nazzjonali f'reġjuni. Dawn huma normalment maqsuma bejn kriterji normattivi u analitiċi:

reġjuni normattiv huma espressjoni tar-rieda politika; il-limiti tagħhom huma ffissati skond il-ħidmiet allokati lill-komunitajiet territorjali, skond id-daqsijiet tal-popolazzjoni meħtieġa biet jitwettqu dawn il-ħidmiet b'mod effiċjenti u ekonomiku, skond fatturi storiċi, kulturali u oħrajn;

reġjuni analitiċi (jew funzjonali) huma definiti skond il-ħtiġiet analitiċi; jirraggruppaw żoni li jużaw il-kriterji ġeografiċi (eż. altitudini jew tip ta' ħamrija) jew bl-użu ta' kriterji soċjo-ekonomiċi (eż., omogejetà, komplimentarjetà jew polarità ta' l-ekonomiji reġjonali).

- Għal raġunijiet prattiċi li għandhom x'jaqsmu mad-disponibbilità tad-*data* u l-implimentazzjoni ta' politiki reġjonali, in-nomenklatura NUTS hija bbażata primarjament fuq diviżjonijiet istituzzjonali bħalissa fis-seħħ fl-Istati Membri (kriterji normattivi).

b. In-NUTS tiffavorixxi unitajiet reġjonali ta' karattru ġenerali.

Unitajiet territorjali speċifiċi għall-ċerti oqsma ta' attività (reġjuni tal-minjieri, reġjuni tat-traffiku tal-ferrovija, reġjuni tal-bedja, reġjuni tas-suq tax-xogħol, eċċ.) jistgħu kultant ikunu użati f'ċerti Stati Membri.

In-NUTS teskludi unitajiet speċifiċi territorjali u unitajiet lokali favur unitajiet reġjonali ta' natura ġenerali.

ċ. In-NUTS hija klassifikazzjoni ġerarkika ta' ħames livelli (tliet livelli reġjonali u żewġ livelli lokali).

Billi din hija klassifikazzjoni ġerarkika, in-NUTS tissuddividi kull Stat Membru f'numru sħiħ ta' reġjuni NUTS 1, kull wieħed huwa suddiviż f'numru sħiħ ta' reġjuni NUTS 2 u hekk.

Fil-livell reġjonali (mingħajr ma wieħed iqis il-komuni), l-istruttura amministrattiva ta' l-Istati Membri ġeneralment tikkomprendi żewġ livelli ewlenin reġjonali (Lander u Kreise fil-Ġermanja, regions u départements fi Franza, Comunidades autonomas u provincias fi Spanja, regions u counties fir-Rejnu Unit, regioni u provincie fl-Italja, eċċ.).

Ir-raggruppament ta' unitjiet paragunabbli f'kull livell NUTS jinvolvi t-twaqqif, għal kull Stat Membru, livell addizzjonali reġjonali għaż-żewġ livelli ewlenin imsemmija fuq. Dan il-livell addizzjonali għalhekk jikkorrespondi għal struttura amministrattiva anqas importanti jew ukoll li ma teżistix, u l-livell tal-klassifikazzjoni tagħha tvarja fl-ewwel tliet livelli tan-NUTS, kollox jiddependi mill-Istat Membru: NUTS 1 għall-Franza, l-Italja, il-Greċja u Spanja, NUTS 2 għall-Ġermanja u r-Renju Unit, NUTS 3 għall-Belġju, eċċ.

APPLIKAZZJONI

In-nomenklatura NUTS sservi ta' referenza:

a) għall-ġbir, l-iżvilupp u l-armonizzazzjoni ta' l-istatistiki reġjonali Komunitarja:

matul is-sebgħajnijiet, in-NUTS gradwalment ħadet post id-diviżjonijiet speċifiċi użati f'diversi oqsma statistiċi (reġjuni agrikoli, reġjuni tat-trasport, eċċ), u kien fuq il-bażi tan-NUTS li l-kontijiet reġjonali ekonomiċi kienu żviluppati u kienu definiti s-sezzjonijiet reġjonali ta' l-istħarriġ Komunitarju.

b) għall-analiżijiet soċjo-ekonomiċi tar-reġjuni:

fl-istess żmien tat-twaqqif ta' korrelazzjoni bejn ir-reġjuni f'termini ta' daqs, in-NUTS jipprovdu wkoll diversi livelli analitiċi. Il-Konferenza ta' Brussel ta' l-1961 fuq l-Ekonomiji Reġjonali organizzata mill-Kummissjoni, sabet li n-NUTS 2 (reġjuni Bażiċi) kien il-qafas ġeneralment użat mill-Istati Membri għall-applikazjzoni tal-politiki reġjonali tagħhom u għalhekk kien il-livell xieraq għall-analiżi ta' problemi reġjonali-nazzjonali, waqt li NUTS 1 (reġjuni ewlieni soċjo-ekonomiċi li jirraggruppaw ir-reġjunijiet bażiċi) għandhom jintużaw għall-analiżi ta' problemi reġjonali tal-Komunità, bħal 'l-effett ta' l-unjoni doganali u l-integrazzjoni ekonomika f'oqsma fil-livell li jmiss 'l isfel miż-żoni nazzjonali.' In-NUTS 3, li ġeneralment tikkomprendi reġjuni li huma żgħar wisq għall-analiżijiet kumplessi ekonomiċi, tista' tintuża biex tistabbilixxi dijanożijiet speċifiċi jew biex jindikaw miżuri reġjonali li jeħtieġ jittieħdu.

ċ) għall-abbozzar ta' politiki reġjonali tal-Komunità:

għall-iskopijiet tal-valutazzjoni ta' l-eliġibilità għall-għajnuna mill-Fondi Strutturali, reġjuni li l-iżvilupp tagħhom qed jaqa' lura (reġjuni kkonċernati mill-Oġġetti 1) u r-reġjuni nordiċi li d-densità tal-popolazzjoni tagħhom hija baxxa ħafna (reġjuni kkonċernati mill-Oġġettiv 6) kienu kklassifikati fil-livell NUTS 2.

Iż-żoni eliġibbli taħt l-Oġġettivi prijoritarji l-oħra kienu kklassifikati primarjament fil-livell NUTS 3.

